Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1494/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 t'Ottubru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru :** 1494/05ISB

David Scerri I.D. Nru 138952(M)

Vs

Maureen Scicluna

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz pprezentat fit-12 ta' Lulju 2005 fejn l-attur talab ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' mija u disa` u tletin Liri maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm139.48), rapprezentanti s-sehem taghha ta' "lift servicing", "maintenance", u spejjes ta' elettriku fir-rigward tal-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti bl-isem Pilkington Flats, St. Gregory Street, Sliema skond kif jidher fil-prospett anness bhala DOK A, bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li permezz taghha ecceppiet illi preliminarjament it-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar (Malta) m'ghandhux il-gurisdizzjoni sabiex jisma` u tiddeciedi fuq kawzi bhal dawn peress li t-talba tirrigwarda materja ta` kondominju liema materja hija rregolata skond l-Att IX tas-sena 2004 taht ir-Raba' Skeda mic-Centru tal-Arbitragg, u illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet atturi qeghdin jigu respinti kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dana peress li l-istess konvenuta hallset sehemha mill-ispejjez tal-blokk komuni, u dan salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz x-xhieda kollha prodotti, id-dokumenti kollha esebiti u finalment n-nota ta' l-attur tal-11 ta' Mejju 2006 li permezz taghha ceda l-kawza stante pagament fil-mori tal-kawza filwaqt illi zamm ferm il-kap ta' l-ispejjes;

Ikkunsidra :

Illi a fol 18 tal-process, gia kien hemm nota` ta' riduzzjoni tas-somma mitluba ghal sitta u disghin Liri Maltin u tnax il-

centezmu (Lm96.12) stante pagament in parti wkoll fil-mori tal-kawza.

Illi kien evidenti tul il-kors kollu tal-proceduri illi kull ma kienet qed taghmel il-konvenuta kien biss illi tipprolonga l-proceduri inutilment – tant illi finalment spiccat hallset is-somma kollha li kienet minnha mitluba.

Illi l-atteggjament tal-konvenuta f'din il-kawza kien wiehed deplorevoli u sewa biss biex nzammu hames seduti inutilment, oltre` x-xoghol l-iehor konness ma' l-amministrazzjoni tal-kawza illi mhux dejjem jigi apprezzat mill-partijiet kollha.

Ikkunsidra ulterjorment illi l-attur kellu jzomm ferm il-kap ta' l-ispejjes u huwa dwar dan illi t-Tribunal gie mitlub jaghti sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kaz stante cessjoni, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjes kollha ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------